# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali – Il-Gudja

## Is-SEBA’ LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 82/7

It-Tnejn 20 ta’ Marzu 2017

Il-Kunsilli Lokali tal-Gudja ltaqa’ fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 88 Triq Raymond Caruana, il-Gudja fis-6.00 ta’ filgħaxija.

PREŻENTI:

John Mary Calleja – Sindku
Romeo Baldacchino – Viċi Sindku
Mark Anthony Sammut – Kunsillier
Demelsa Grech – Kunsillier
Stefan Caruana – Kunsillier

ASSENTI b’APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

Nil

ASSENTI

Sarah Camilleri – Ambaxxatriċi

UFFIĊJALI PREŻENTI:

Ranier Busuttil – Aġent Segretarju Eżekuttiv
Joseph M Formosa – Uffiċjal

AĠENDA

82.1 Qari tal-ittri ta’ apoloġiji;

82.2 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-minuti (81/7 [16/02/17]);

82.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;

82.4 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsillieri;

82.5 Rapporti;

82.6 Approvazzjoni tal-Audited Financial Statements – sena li għalqet fil-31 ta' Diċembru 2016;

82.7 Riġenerazzjoni ta' Ġnien Raymond Caruana

82.8 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;

82.9 Affarijiet oħra;

82.10 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

-----------------------------------------------------------

## Minuti

Is-Sindku s-Sur John Mary Calleja ppresieda l-laqgħa. Il-laqgħa bdiet fis-6.10pm wara talba qasira minn dawk kollha preżenti.

## 82.1.0 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

81.1.1 Ma kienx hemm ittri ta' apoloġija.

## 82.2.0 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-minuti (81/7 [16/02/17])

82.2.1 Dawn il-minuti li ġew iċċirkulati għand il-kunsilliera kollha qabel il-laqgħa u kien hemm qbil li jiġu meħuda bħala moqrija. Kien hemm qbil unanimu li dawn il-minuti jiġu approvati nem con.

## 82.3.0 Komunikazzjoni mis-Sindku

82.3.1 Żewġ arbli tad-dawl biswit Triq Mons. Pawlu Mallia. Is-Sindku fakkar lill-Kunsill illi din hija triq ġdida u għalhekk ma kienx xieraq li jerġa' jinfetaħ il-wiċċ sabiex jgħaddu l-*cables* anke jekk hemm il-ħtieġa li dawn l-inħawi jkunu mdawla aħjar. Il-Kunsill qabel li fiċ-ċirkustanzi jintalab il-parir tal-kuntrattur li jieħu ħsieb id-dawl tat-toroq sabiex jara dwar dak meħtieġ billi d-dawl ikun fuq l-arbli u mhux li jgħaddi minn taħt it-triq. Meta jkun hemm stima tax-xogħol din tiġi quddiem il-Kunsill u tittieħed deċiżjoni kif ikun meħtieġ peress li fil-preżent din il-parti tat-triq tinsab mudlama u r-residenti ta' sikwit jirrikorru għand il-Kunsill b'ilmenti dwar dan l-istat fit-triq tagħhom.

82.3.2 Dwar skema 2 – manutenzjoni tal-komun fil-binijiet tal-Gvern – Tal-Mitħna. Is-Sindku qal li l-Awtorità tad-Djar permezz ta' ittra datata 07 ta' Marzu 2017 u liema ittra waslet għand il-Kunsill fis-16 ta' Marzu 2017, infurmat lill-Kunsill li kienet sejra tkompli bil-programm ta' skema 2 – manutenzjoni tal-komuni fil-binjiet tal-Gvern u li ser talloka lill-Kunsill Lokali tal-Gudja s-somma ta' €20000.00 fis-sena 2017 sabiex

tintuża għal dan il-għan. Is-Sindku qal li sabiex dan il-proċess jibda miexi hemm il-ħtieġa li jkun hemm laqgħa mar-residenti tal-blokki sabiex titwaqqaf l-għaqda tar-residenti u jintgħażlu l-amministraturi li sejrin jiġu maħtura mir-residenti ta' dawn il-blokki. Il-Kunsill qabel unanimament li minħabba l-urġenza u peress li l-Kunsill iħoss li dan huwa proġett ta' fejda għar-residenti din il-laqgħa għandha tissejjaħ għal nhar it-Tnejn 27 ta' Marzu 2017 fis-6.00pm u wara li jinħatru l-amministraturi jkun jista' jitkompla l-proċess tal-iskema sabiex ikun jista' jinbeda x-xogħol meħtieġ.

82.3.3 Immaniġġjar tat-traffiku fil-Housing Estate tal-Mitħna, qrib Ħal Tarxien, il-Gudja. Is-Sindku qal li fid-09 ta' Marzu 2017 it-TM kienet approvat skema sabiex it-traffiku jimxi aħjar u bla riskju żejjed fl-inħawi ġewwa tal-Mitħna. Saret diskussjoni jekk ikunx possibbli u jew aħjar jekk ġewwa dan il-Housing Estate ż-żewġ toroq dik ta' Triq il-Palma u Triq l-Awrekarja ikunu it-tnejn dħul biss min-naħa t'isfel fid-dħul ta' Triq Ħal Tarxien.

Kien hemm diversi opinjonijiet dwar dan u ma jidhrix li kien hemm deċiżjoni finali għalkemm f'xi waqtiet tad-diskussjoni kien hemm diskors li l-Kunsill għandu jitlob lit-TM sabiex tibdel dak il-flow ta' traffiku kif diġà approvat.

Il-Kunsill iddeċieda li jitlob lit-TM sabiex jiġu approvati diversi sinjali madwar il-bini f'Tal-Mitħna sabiex filwaqt li juru li dawn l-inħawi huma postijiet residenzjali jkun hemm aktar ħarsien u sigurtà għar-residenti u għal dawk kollha li jiffrekwentaw l-inħawi.

Meta dawn is-sinjali kif proposta mill-Kunsill jiġu approvati mit-TM il-Kunsill jipproċedi kif ikun approvat u meħtieġ.

82.3.4 Zebra crossing fil-bidu ta' Vjal it-Torri (bid-dawl meħtieġ). Is-Sindku qal li wara diversi talbiet li għamel il-kunsill jidher li issa sar progress sinifikanti għalkemm id-dawl għadu ma twaħħalx. Is-Sur Caruana feraħ lil Kunsill għal din il-ħidma perseveranti u xtaq li l-Kunsill ikompli jinsisti sabiex dan id-dawl fuq din iż-zebra crossing jitwaħħal bla dewmien.

Is-Sindku wieġeb li l-Kunsill sejjer ikompli jinsisti mat-TM li dak meħtieġ isir bla aktar dewmien.

82.3.5 Zebra crossing fin-naħa t'isfel ta' Vjal it-Torri qrib l-iskola St. Joan Antide. Is-Sindku qal li peress li l-Kunsill kiseb il-permess u d-dettalji meħtieġa mit-TM il-Kunsill sejjer jipproċedi billi jagħmel dak meħtieġ.

82.3.6 Zebra crossing qrib it-tarf ta' Triq William Baker faċċata tal-iskola primarja fi Triq San Mark. Is-Sindku qal li peress li l-Kunsill kiseb il-permess u dettalji meħtieġa mit-TM il-Kunsill sejjer jipproċedi billi jagħmel dak meħtieġ.

Is-Sindku qal li fuq dawn iż-żewġ żebra crossing huwa meħtieġ li jkun hemm xi forma ta' dawl (anke jaħdem b'enerġija solari) sabiex dawn ikunu jidhru anke wara inżul ix-xemx.

Il-Kunsill qabel li jitlob l-għajnuna tat-TM dwar dak meħtieġ sabiex ikun hemm dawl fuq dawn iż-zebra crossings.

82.3.7 Permess sabiex isir tombla waqt iċ-ċelebrazzjonijiet ta' Jum il-Gudja s-Sibt 15 ta' Lulju 2017. Is-Sindku informa lill-Kunsill dwar it-talba li saret mill-Parroċċa. Saret diskussjoni. Il-Kunsill iddeċieda li peress Jum il-Gudja qed jiġi ċċelebrat flimkien mal-attivitajiet tal-Parroċċa fil-Lejla Sajfija ma jkunx possibbli li jkun hemm tombla peress li din ittellef l-attivitajiet li jkun qed isseħħu fuq il-palk.

Il-Kunsill qabel li jinforma lill-Arċipriet dwar dan u dwar li l-Kunsill ma jsibx l-ebda problema jekk il-Parroċċa torganizza tombla oħra fi ġranet oħra barra dik tal-15 ta' Lulju 2017.

82.3.8 Ġnien il-Qari. Is-Sindku informa lill-Kunsill illi kien hemm talba sabiex fil-31 ta' Marzu 2017 ikun hemm attività żgħira privata fejn fiha jkun hemm anke element ta' qari mit-tfal preżenti.

Saret diskussjoni u s-Sur Caruana qal li bla dubju dan il-post joffri spazju tajjeb għal bosta attivitajiet iżda l-Kunsill għandu jkun attent ħafna qabel joħorġu xi permessi. Is-Sur Caruana qal ukoll li dan il-lok għandu jkun fih aktar siġar u għalhekk kull minn jorganizza xi attività għandu wkoll jagħmel tifkira billi jħawwel siġra b'xi kitba li tkun addattata.

It-tariffa stabbilita hija dik ta' €6.99. Għandu jkun hemm depożitu ta' €50.00 li jingħata lura wara li jiġu assigurat li l-post jinżamm nadif u ordnat kif meħtieġ.

Min jagħmel l-attività għandu jġib mobile toilet skont in-numru ta' parteċipanti.

Nar miftuħ mhux permess. L-ebda bbq ma huwa permess.

Għandha tinżamm is-serenità u i jinżamm il-karattru u li l-iskop ewlieni ta' dan il-lok li huwa l-qari speċjalment qalb it-tfal.

Il-Kunsill qabel li għaż-żmien li ġej tiġi stabbilita *policy* u possibbilment il-Kunsill jikseb voluntiera li jkunu jistgħu wkoll iħarsu l-ambjent natural ta' dawn l-inħawi ta' Bir Miftuħ.

## 82.4.0 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera

82.4.1 Sinjali li ma tistax tidħol għal Triq Santa Marija minn Triq Bir Miftuħ. Is-Sur Sammut staqsa dwar dan li kien ġie diskuss xi żmien ilu. Is-Sindku wieġeb li fiċ-ċirkustanzi l-Kunsill sejjer iressaq din it-talba lit-TM.

82.4.2 Salib tad-Dejma fl-inħawi ta' Bir Miftuħ. Is-Sur Baldacchino staqsa lis-Sindku dwar dan il-proġett li ġie approvat mill-PA. Is-Sindku wieġeb li l-Kunsill kien sejjer ikompli jaħdem dwar dan peress li kellu xi diffikultajiet dwar kif kien dan is-salib.

Waqt id-diskussjoni sar diskors li dan is-salib seta' kien jixbah lil dak ta' ħdejn il-Kappella ta' Loreto jew ta' xi salib ieħor li jinsabu f'irħula viċin l-Gudja bħal dak ta' Ħal Safi jew l-Imqabba.

82.4.3 *Toilet* fil-Librerija G. Zammit. Is-Sur Baldacchino staqsa lis-Sindku dwar dan. Is-Sindku wieġeb illi l-Kunsill kien qabel li jsir dan il-proġett. Is-Sur Baldacchino qal li jidher li hemm possibilità li Foundation for Tomorrow School (FTS) tagħmel dan ix-

xogħol peress li din il-Librerija tinsab fil-bini tal-Iskola tal-Gvern u li dan it-toilet huwa bżonnjuż.

Il-Kunsill iddeċieda li jitlob lill-FTS sabiex isir dan it-toilet kif ippjanat u approvat mill-PA.

Dwar il-kmamar (li fil-preżent huwa store tal-imbarazz mhux ta' siwi) fl-Iskola Primajra tal-Gudja li kienet imwegħda għaċ-Ċentru tat-Tagħlim Matul il-Ħajja fil-Gudja.

Is-Sur Baldacchino staqsa lis-Sindku dwar x'qed isseħħ issa li l-Kap tal-Iskola żarmat il-kamra u l-attrezzi kollha li għalihom il-Kunsill kien investa flusu.

Is-Sindku wieġeb illi l-Kunsill kien ilu żmien li ppreżenta abbozz ta' ftehim kif kien mitlub u dan ilu għand Sa Rosylnn Vella Direttur tar-Riżorsi fi ħdan il-Ministeru tal-Edukazzjoni. Tul dan iż-żmien il-Kunsill regolarment ifakkar lis-Sa Vella għar-risposta u possibbilment li jsiru arranġamenti finali.

Saret diskussjoni dwar kif il-Kunsill qed jiġi injorat f'affarijiet ta' siwi għall-komunità Gudjana.

Il-Kunsill qabel ukoll illi l-bini ta' l-Iskola għandu jintuża aħjar speċjalment meta din tkun magħluqa. Il-Kunsill iddeċieda li għandha tintalab laqgħa mal-Ministru Evarist Bartolo sabiex jisma' t-talba ġusta tal-Kunsill u jgħin sabiex il-Kunsill ma jkomplix jiġi injorat u li jkun hemm progress mixtieq b'risq il-komunità tal-Gudja.

82.4.4 Residential Parking Scheme fil-Gudja. Is-Sur Sammut qal li anke hawn il-Kunsill qed jiġi injorat għaliex filwaqt li f'ħafna postijiet qed titħaddem xi sistema ta' residential parking scheme, minkejja li l-Kunsill ħadem u għamel l-istudju kif mitlub, ġiet imwaqqfa ħesren mingħajr ġustifikazzjoni iżda qed toħloq inkonvenjenzi serji għar-residenti tal-Gudja.

Is-Sindku wieġeb li l-Kunsill huwa nfurmat li l-iskemi tar-residential jew timed parking qed jiġu reveduti u sejra toħroġ *policy* ġdida dwar dan.

Is-Sur Sammut wieġeb li l-Kunsill għandu jagħmel pressjoni u saħansitra jorganizza konferenza stampa għaliex ir-residenti tal-Gudja qed isofru speċjalment meta jirritornaw lura mix-xogħol u ma jsibux lok fejn jipparkjaw il-vetturi tagħhom.

82.4.5 Il-parti d-dejqa ta' Triq il-Kbira – ħtieġa ta' bollards. Is-Sur Caruana qal issa li wara li saru sinjali dwar id-dħul min-naħa ta' Wesgħet Anġlu Dalli, hija għar-residenti biss u sabiex jingħata servizz, jidher li xorta qed ikun hemm abbuż, ksur ta' osservanza tas-sinjali tat-traffiku u għad hemm il-periklu. Dan deher ċar minn xi ritratti li ġew murija waqt il-laqgħa tal-Kunsill.

Is-Sindku wieġeb li huwa fatt li għalkemm dawn is-sinjali u l-osservanza tagħhom kellhom jgħinu li jnaqqsu r-riskju, xorta jidher li hemm il-periklu.

Il-Kunsill qabel li terġa' ssir talba lit-TM sabiex isiru l-bollards taħt il-bankina u jinsisti li dawn huma meħtieġa.

Il-Kunsill qabel li jitlob li jkun hemm il-gwardjani lokali sabiex iħarsu l-osservanza tas-sinjali tat-traffiku u meta jinqabdu l-ħatja dan jgħin sabiex ikun hemm aktar ordni u sigurtà f'din il-parti tat-triq.

Il-Kunsill insista li għandu jkun hemm preżenza tal-gwardjani lokali b'mod frekwenti u b'mod viġilanti.

82.4.6 Problema tar-reserved parking fit-toroq ġewwa l-Gudja. Is-Sur Caruana staqsa lis-Sindku jekk wasalx iż-żmien li jkun hemm *policy* stabbilita peress jidher li talba għar-reserved parking jista' jiżdied fil-futur qrib.

Is-Sindku wieġeb li l-Kunsill għandu jitlob lit-TM sabiex jgħin lill-Kunsill dwar din il-*policy* għandha tkun ċara u trasparenti sabiex ma tħalli ebda ekwivoku meta l-Kunsill ikollu xi talba għar-reserved parking. Din il-*policy* għandha tkun ta' linji gwida u li turi ġustizzja u sens ta' prijorità u ħtieġa ta' meta jħares lejn talba dwar reserved parking.

## 82.5.0 Rapporti

82.5.1 Romeo Baldacchino

a. Miżbliet żgħar madwar l-iskips. Is-Sur Baldacchino qal li qed ikollu diversi rapporti li qed jinħolqu diversi miżbliet żgħar minkejja li l-Kunsill qed jagħmel minn kollox sabiex tinżamm l-indafa u li l-ġbir tal-borża s-sewda minn wara l-bieb qed tinġabar anke nhar ta' Ħadd u fil-ġranet tal-festi.

Dawn il-miżbliet iż-żgħar qed jiġbdu l-ġrieden u dan qed jidher fis-*social media* li jagħti isem ħażin lill-ġmiel tal-Gudja.

Is-Sur Baldacchino qal li fil-viċinanza tal-Gudja qed tiġi mħaddma sistema tas-serazzjoni ta' skart bil-konsegwenza li l-borża s-sewda tar-residenti barra mill-Gudja qed tispiċċa mormija ġewwa l-Gudja.

Barra milli toħloq il-ħmieġ, il-Kunsill qed ukoll iħallas għar-rimi ta' din il-borża (ta' nies barra mill-Gudja) u forsi il-post (villaġġ jew belt) ta' dawn ir-residenti qed jiġu ppremjati peress li jkun jidher li qed inaqqsu l-iskart domestiku tagħhom.

Il-Kunsill qabel li dawk iż-żewġ *bins-on-wheels* fit-tarf ta' Triq iż-Żebbuġa (ħdejn biċċa bitħa tal-iskola) għandhom jitneħħew b'mod immedjat. Il-Kunsill qabel li jitlob s-servizz tal-*green wardens* sabiex b'mod viġilanti jieqaf kull abbuż.

Il-Kunsill qabel ukoll illi fejn hemm dawn iż-żewġ skips isiru żewġ *parking bays* bojod sabiex b'hekk min ikun sejjer jarmi l-borża jaħsibha darbtejn.

Il-Kunsill qabel ukoll li jsiru sinjali ta' kameras sabiex jekk il-gwardjan jaqbad u jieħu ritratt għal min ikun qed jabbuża, il-gwardjan ikun jista' jieħu azzjoni u ma jkunx hemm xi forma ta' difiża li tista' tfixkel ix-xogħol tal-gwardjan.

82.5.2 Mark Anthony Sammut

a. Pilates u Zumba. Is-Sammut qal li huwa l-ħsieb li jiġu organizzati sessjoni tal-Pilates (darba fil-ġimgħa) u dawk taż-Zumba (darbtejn fil-ġimgħa). Il-ħlas ikun ta' €20.00

għall-Pilates għall-10 sessjonijiet u €25.00 għal 10 sessjonijiet jew €45.00 għal 20 sessjoni taż-Zumba. Il-Kunsill qabel ma' dan u kif ukoll qabel li jsir l-arranġamenti meħtieġa mal-Arċipriet kif isir is-soltu sabiex dawn is-sessjonijiet isiru fis-Sala tal-Parroċċa. Bilanċi ftit favorevoli għall-Kunsill. Il-Kunsill qabel li jagħti s-sapport kif meħtieġ.

b. Attività tal-Kunsill taż-Żgħażagħ. Is-Sur Sammut qal li f'isem Sa. Camilleri huwa kien qed jirrapora li nhar il-Ġimgħa 24 ta' Marzu 2017 kien sejjer isir *night-hike*. Il-Kunsill qabel li jagħti s-sapport kif ikun meħtieġ.

## 82.6.0 Approvazzjoni tal-Audited Financial Statements – sena li għalqet fil-31 ta' Diċembru 2016

82.6.1 Il-bidliet li saru wara l-approvazzjoni tal-ewwel rapport ġew spjegati. Il-Kunsill approva dan it-tieni sett tar-rapport finanzjarju tal-Kunsill għas-sena li għalqet fil-31 ta' Diċembru 2016. Il-Kunsill qabel li dawn jiġu ffirmati skont proċeduri stabbiliti.

## 82.7.0 Riġenerazzjoni ta' Ġnien Raymond Caruana

82.7.1 Is-Sindku beda billi qal li huwa kellu diversi laqgħat fejn insista li xogħol kif kien imwiegħed kellu jibda iżda ġara li l-Perit inkarigata kienet irriżenjat. Is-Sindku qal li riċentament, flimkien mal-Viċi Sindku s-Sur Baldacchino kellu laqgħa mal-Perit il-ġdida Anne Casha li ħadet l-inkarigu u li din il-Perit spjegat ċertu bidliet sabiex il-proġett isir aħjar.

Hawn is-Sindku għadda l-kelma lis-Sur Baldacchino.

Is-Sur Baldacchino spjega li l-Perit uriet li l-funtana tista' tiġi aħjar u li jkun hemm passaġġi u livelli approvati mill-KNDP. Is-Sur Baldacchino qal li l-Perit stqarret li l-bankijiet għandhom iħarsu lejn il-ġnien u mhux jagħtu daharhom għal ġnien. Is-Sur Baldacchino qal li d-dwal għandhom isiru ġodda u *energy efficient* u li t-*toilets* ukoll sejrin jiġu rranġati kif meħtieġ.

Il-Kunsill qabel li jkompli jkun infurmat bil-progress minn żmien għal żmien.

## 82.8.0 Konsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

82.8.1 Il-Kunsill approva il-lista ta' pagamenti nru 41/7 hekk kif ippreżentata u pproponuta mis-Sindku John Mary Calleja u ssekondata mill-Viċi Sindku s-Sur Baldacchino għallammont totali ta' €18587.00. Din l-iskeda ta' pagamenti ġiet iffirmata mill-kunsilliera kollha preżenti.

## 82.9.0 Affarijiet oħra

82.9.1 Ittra ta' apprezzament lis-Sur Jonathan Zammit ekskuntrattur tal-ġbir tal-iskart domestiku. Fuq proposta tas-Sur Baldacchino, il-Kunsill qabel u ddeċieda li jagħti ittra ta' apprezzament u ringrazzjament għax-xogħol li wettaq ġewwa l-Gudja meta kien il-kuntrattur responsabbli għal ġbir tal-iskart domestiku ġewwa l-Gudja.

82.9.2 Tabelli fit-toroq arterjali madwar il-Gudja. Il-Kunsill ħa fil-konsiderazzjoni li tabelli speċjalment meta wieħed ikun dieħel il-Gudja għan-naħa ta' Bir Miftuħ, jinsabu fi stat ħażin u għandhom jinbidlu. Il-Kunsill qabel u ddeċieda li jikteb lit-TM sabiex tara li t-tabelli madwar il-Gudja jinbidlu u jiġu mantenuti kif ikun meħtieġ.

82.9.3 Arblu sabiex tidendel il-bandiera tal-Gudja. Il-Kunsill stqarr li kien ilu jinħass il-bżonn li jitpoġġa arblu xieraq f'post prominenti meta wieħed ikun dieħel fil-Gudja sabiex fuqu titella'l-bandiera uffiċjali tal-Gudja.

Is-Sindku qal li huwa seta' joffri arblu b'xejn li fih 25 pied tul. Il-Kunsilliera l-oħra preżenti kienu tal-fehma li l-arblu għandu jkun itwal.

Il-Kunsill qabel li jikseb kwotazzjoni għal arblu itwal u li din il-kwotazzjoni kun fiha l-ispiża tat-twaħħil fuq il-post.

82.9.4 Żbir ta' siġar u żamma tajjeb ta' ġnien żgħir fit-tarf ta' Triq Ħal Resqun, il-Gudja. Il-Kunsill ħa fil-konsiderazzjoni u dawn l-inħawi għandhom bżonn manutenzjoni u qabel u ddeċieda li jitlob lill-dawk konċernati sabiex jagħmlu x-xogħol kif meħtieġ.

82.9.5 Xiri u xogħol ieħor. Il-Kunsill qabel u approva x-xiri ta' 2 tankijiet żebgħa safra u 2 tankijiet żebgħa bajda sabiex isiru u jiġu ffriskati sinjali fuq wiċċ it-toroq kif ikun meħtieġ madwar il-Gudja .

## 82.10.0 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

82.10.1 Peress li s-suġġetti kollha fuq l-aġenda ġew eżawriti, is-Sindku għalaq il-laqgħa fit-7.40pm filwaqt li aġġorna l-laqgħa għal nhar it-Tnejn 24 ta' April 2017 fis-6.00pm fuq aġenda li tiġi ċċirkulata għand il-Kunsilliera qabel il-laqgħa.

Konfermati, illum ______________________

John Mary Calleja
Sindku

Ranier Busuttil
Aġent Segretarju Eżekuttiv